TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 365/08

**Catherine u Donald Caligari Conti**
**vs**
**Michael Attard Services Ltd.**

Illum 16 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Ottubru, 2008 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet elef u erba' mitt ewro (€3,400), minħabba l-fatt li meta mar jieħu l-petrol, Michael Attard Services Ltd. issupplixxuh bid-diesel, u b'hekk meta uża l-vettura ġralha ħafna ħsara.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u wara li ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Minħabba n-natura teknika tal-każ, it-Tribunal ingaġġa perit tekniku Joseph Zammit sabiex jirrelata fuq il-każ.

L-espert Joseph Zammit, ikkonkluda illi fit-tank tal-vettura in kwistjoni kien hemm preżenza ta' diesel, meta din il-vettura hija destinata biex taħdem bl-unleaded petrol. Il-ħsarat li kien hemm fil-magna huma kompatibbli ma' preżenza ta' diesel ġo magna destinata biex taħdem bl-unleaded petrol.

L-espert tekniku jikkonkludi li t-tiswijiet li saru fuq il-magna mis-soċjeta' intimata, saru skond is-sengħa u l-arti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Wara li sema' lill-partijiet u ra r-rapport ta' l-espert tekniku, t-Tribunal jikkonkludi li l-espert għandu raġun u għalhekk wasal għal dik il-konklużjoni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' tliet elef u erba' mitt ewro (€3,400), u kif ukoll l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), rappreżentanti l-ispejjeż tar-rapport ta' l-espert tekniku, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**